**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 16 ta' Settembru 2022 (OR. en)**

**11861/1/22 REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali: 2022/0243(NLE)**

**POLCOM 96**
**AGRI 375**
**COASI 126**
**PI 101**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 11860/22 + ADD 1 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta mal-indikazzjonijiet ġeografiċi, u l-protezzjoni tagħhom, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt<br>- Adozzjoni |

1. Fit-18 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq (dok. 11860/22 + ADD 1).

2. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie kkonsultat dwar dan it-test u approvah kif modifikat biex jittieħed kont ta' xi aġġustamenti meħtieġa.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden biex:

   - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 11862/22 u 11863/22;

- jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu, kif tinsab fid-dokument 11863/22, ladarba tiġi adottata;

- jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf skont l-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament; u

- jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni li tinsab fid-dokument 11861/22 ADD 1.